MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 490/2005

**Forestals Building Materials & Services 2001 Ltd ( C22720 )**
**vs**
**Andrew u Doreen Konjugi Mifsud ( Karta ta' l-Indentita' numru 138664(M) u 551664(M) )**

Il-Qorti;
Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici, wara li ippremettiet:-
Illi l-konvenuti jinsabu debituri tas-socjeta attrici fis-somma komplessiva ta' sebat elef u hames mija u disgha u tmenin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm7589.41) rapprezentanti import ta' cheques bin-numri 446, 447, 450, 452, 454, 455, 456, 462, 463, 465, 466 u 467 li ma gewx onorati mill-Bank (kopja ta' liema cheques tinsab hawn annessa u markata bhala Dok. Al-A 12), liema dejn hu cert, likwidu u dovut.

Illi nonostante illi gew interpellati sabiex ihallsu l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Illi l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet attrici.

Talbet ghalhekk lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandiex: -

1. Tiddispensa mis-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' sebat elef u hames mija u disgha u tmenin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm7589.41) rapprezentanti import ta' cheques bin-numri 446, 447, 450, 452, 454, 455, 456, 462, 463, 465, 466 u 467 li ma gewx onorati mill-Bank.

Bl-imghax legali mid-dati rispettivi tac-cheques fuq imsemmija sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' 1-ittra ufficjali datata 16 ta' Marzu 2005 u tal-mandat ta' inibizzjoni illi qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta' attrici u id-dokumenti l-ohra:
Rat li l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u fis-seduta ta' llum imsejjhin tlett darbiet lanqas ma deherux.
Peress li fic-cirkostanti t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal- Kodici u Orginazzazzjoni u procedura Civili:
Tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kif mitluba kontra l-konventi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------